Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Awwissu, 2003

Numru. 301/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**
- vs -
**CARMELA SAID**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputata **CARMELA SAID** mart Joseph u bint Anthony Formosa u Antonia nee Saliba residenti fil-fond numru 8, Triq ix-Xlendi, Munxar u detentrici tal-karta tal-identita` numru 16147 giet imressqha quddiemha akkuzata talli bhala persuna li f'isimha ghandha il-licenzja biex izzomm discoteka "La Grotta" li tinsab fi Triq ix-Xlendi, Munxar, nhar l-ewwel ta' Gunju, 2003 ghall-habta tat-tlieta neqsin kwart ta' filghodu haddmet, gieghlet jew halliet lil min ihaddem loudspeaker, gramafon, amplifikatur inkella gieghlet jew halliet li jsiru hsejjes daqshekk



Qrati tal-Gustizzja

qawwija li jdejjqu lid-detentur jew lin-nies li joqghodu fil-bini fil-qrib.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 41 (2) tal-Kap 10 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Semghet lir-rappresentant tal-MTA jghid illi l-imputata m'ghandiex licenzja valida fuq il-fond "La Grotta", Triq ix-Xlendi, limiti ta' Munxar u minn dak li gie rilevat waqt is-seduta l-imputata ma kienetx fil-fond dak in-nhar tal-ewwel ta' Gunju, 2003 ghall-habta tat-tlieta neqsin kwart ta' filghodu u ghaldaqstant wara li rat l-artikoli tal-ligi fuq indikati il-Qorti tiddikjara li ma ssibx lil-imputata hatja u tilliberaha minn din l-akkuza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------